DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/718

tas-28 ta' Mejju 2020

li taħtar il-Kmandant tal-Forza tal-UE tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Marzu 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/472 ([1]) li tistabbilixxi u tniedi operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI), taħt il-kmand tal-Viċi Ammirall Fabio AGOSTINI bħala Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE.

(2) Fit-30 ta' April 2020, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE rrakkomanda li l-Viċi Ammirall Ettore SOCCI jinħatar Kmandant tal-Forza tal-UE tal-EUNAVFOR MED IRINI għall-ewwel nofs tal-mandat li fadal tal-EUNAVFOR MED IRINI, u li l-Komodor Theodoros MIKROPOULOS jinħatar Kmandant tal-Forza tal-UE tal-EUNAVFOR MED IRINI għat-tieni nofs tal-mandat li fadal.

(3) Fl-4 ta' Mejju 2020, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa dik ir-rakkomandazzjoni.

(4) Fis-6 ta' Mejju 2020, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel dwar dik ir-rakkomandazzjoni.

(5) Għal raġunijiet operattivi, huwa neċessarju li l-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE tal-EUNAVFOR MED IRINI tapplika mis-6 ta' Mejju 2020.

(6) Il-Viċi Ammirall Ettore SOCCI għalhekk jenħtieġ li jinħatar Kmandant tal-Forza tal-UE tal-EUNAVFOR MED IRINI mis-6 ta' Mejju 2020 sat-18 ta' Ottubru 2020, u l-Komodor Theodoros MIKROPOULOS mid-19 ta' Ottubru 2020 sal-31 ta' Marzu 2021.

(7) F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża. Konsegwentement, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Viċi Ammirall Ettore SOCCI huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE tal-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) mis-6 ta' Mejju 2020 sat-18 ta' Ottubru 2020. Il-Komodor Theodoros MIKROPOULOS huwa b'dan maħtur Kmandant tal-Forza tal-UE tal-EUNAVFOR MED IRINI mid-19 ta' Ottubru 2020 sal-31 ta' Marzu 2021.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/472 tal-31 ta' Marzu 2020 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) (ĠU L 101, 1.4.2020, p. 4).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mis-6 ta' Mejju 2020.

Magħmul fi Brussell, is-28 ta' Mejju 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
G. GRLIĆ RADMAN